# L-Ewwel Qrara u Tqarbina Tiegħi



Jien jisimni ______________________________

Jiena speċjali ħafna, u Alla lili ħalaqni differenti minn kulħadd. Alla lili jħobbni ħafna kif jien! Hu jgħinni biex insir aħjar u biex nagħmel ħafna affarijiet sbieħ.

Jien:

*Pinġi stampa tiegħek qed tagħmel xi ħaġa li tieħu gost tagħmel*

Data tat-twelid tiegħi: ______________________________

Data tal-magħmudija tiegħi: ______________________________

Il-parrini tiegħi kienu: ______________________________

______________________________

Il-Magħmudija Tiegħi:

*Waħħal ritratt jew pinġi stampa tal-magħmudija tiegħek*

**Meta tgħammidt, jiena sirt parti mill-familja kbira ta' Alla.**





Talba

Grazzi Mulej li inti għażiltni biex inkun parti mill-familja tiegħek. Grazzi Ġesù li inti ħabib speċjali tiegħi u li dejjem tkun miegħi. Għinni biex jien inkun bħalek. Ammen.

# Nagħmel bħal Ġesù

*Pinġi ċ-ċrieki li juru li qed tagħmel bħal Ġesù.*

Nġħid sorry

Niġġieled

Ngħin fid-dar

Nilgħab ma' sħabi

Ngħid 'thank you'

Ngħid 'please'

Nimbotta

Nigdeb

Insellef it-'toys' tiegħi

Naħfer

Nieħu xi ħaġa li mhux tiegħi

Nitlob

# *Xi kultant ma nagħmilx bħal Ġesù.*

Dejjem nipprova nobdi, imma xi kultant ma jirnexxilix. Dejjem nippova nħobb lill-ħbieb tiegħi, imma xi kultant niġġieled magħhom.

Meta aħna nagħmlu affarijiet bħal dawn ma nkunux qed nagħmlu dak li jixtieq Ġesù. Dan insejħulu dnub.

Jien ma nkunx ferħan meta jiġri hekk. Id-dnub ma jħallinix inkun ferħan. Meta nagħmel dnub jien ma nibqax ħabib ma' Ġesù.

Ġesù lili dejjem jibqa' jħobbni u jkun jixtieq li jien inħobbu wkoll.



***Talba***

***Grazzi Ġesù li inti tibqa' tħobbni meta jiena nagħmel xi ħaġa li lilek ma togħġobkx. Grazzi li inti tgħinni biex darb'oħra ma nerġax nagħmel hekk.***

Darba kien hemm raġel jismu Żakkew. **Ġesù, urih kif jista' jħobb lil dawk ta' madwaru.** Ġesù ħa gost li Żakkew ried isir ħabib tiegħu u tal-oħrajn.





*Pinġi l-istampa ta' Żakkew u Ġesù*

# L-istorja ta' Żakkew

In-nies bdew jiffullaw fit-toroq biex jaraw lil Ġesù. Żakkew xtaq ħafna jara lil Ġesù, imma kien qasir wisq. Għalhekk tela' fuq siġra. Kif kien għaddej Ġesù ħares 'il fuq, rah u qallu, "Żakkew inżel. Irrid niġi d-dar tiegħek." Żakkew tkaxkar mas-siġra u niżel. Ix-xogħol ta' Żakkew kien li jiġbor it-taxxi mingħand in-nies u jagħtihom lir-re. Ħadd ma kien iħobbu. Żakkew kien kuntent imma sorpriż li Ġesù ried imur fid-dar tiegħu! Ħafna nies inġabru quddiem id-dar ta' Żakkew. Bdew igergru u jistaqsu, "Kif daħal għandu, Ġesù?" Żakkew qal lil Ġesù, "Jien se nagħti l-flus lill-foqra. U nagħti wkoll il-flus lura lil dawk li żammejtilhom aktar taxxi milli suppost. Anzi, nagħtihom aktar milli ħadtilhom." Ġesù kien kuntent li Żakkew kien se jibda jgħix ħajja tajba.

*Mill-Ewwel Bibbja Tiegħi, Għaqda Bibblika Maltija*

***Bħal Żakkew, meta jiena nagħmel xi ħaġa ħażina, irrid nara kif nagħmel biex nuri li ddispjaċini.***

Jiddispjaċini meta nagħmel xi ħaġa li ma togħġobx lil Ġesù.

*Agħti l-kulur.*

# *Meta jiddispjaċini, Ġesù jieħu gost ħafna*

Darba Ġesù qal storja dwar tifel li ma riedx jobdi u telaq mid-dar. Imma mbagħad iddispjaċih u reġa' mar lura d-dar. Il-papa tiegħu kien qiegħed jistennih u tant feraħ, li għamel festa kbira.

***L-Iben il-Ħali:*** *għid l-istorja permezz tal-istampi ta' hawn taħt*



Ġesù jrid li jien inkun dejjem ferħan. Dak it-tifel ma kienx ferħan meta nduna li kien għamel għażla ħażina, imma meta reġa' mar lura, u sab lill-papa tiegħu jistennih, feraħ ħafna.

Ġesù, l-istess, bħall-papa ta' dak it-tifel. Huwa dejjem jibqa' jħobbna. Meta nkunu mdejqa minħabba li nkunu għamilna xi ħaġa ħażina huwa jkun jixtieq li nerġgħu nsiru ħbieb miegħu u nerġgħu nkunu ferħana. Għalhekk Ġesù tana **s-Sagrament tal-Qrar.**

## *X'nagħmel biex inqerr.*

*Poġġi dawn fis-segwenza t-tajba*

__ Nisma' dak li jrid jgħidli l-qassis.

__ Naħseb fuq dak li jien għamilt u li ma għoġobtx lil Ġesù.

__ Ngħid l-Att tal-Indiema u nagħmel dak li jgħidli l-qassis.

__ Immur quddiem il-qassis u ngħidlu dak li jien għamilt ħażin.

__ Ngħid lil Ġesù li se nipprova li ma nerġax nagħmel hekk.

***Talba***

***Grazzi Mulej li inti tħobbni ħafna u taħfirli.***

________________________________________

________________________________________

________________________________________



*Ikteb it-talba tiegħek*



Talba

*Mulejja Alla tiegħi, inti tħobbni ħafna. Jiddispjaċini li għidtlek le bi dnubieti. Mil-lum 'il quddiem, bl-għajnuna mqaddsa tiegħek ma nerġax nagħmel dnubiet iżjed u rrid inħobbok fuq kollox.*

Id-data **tal-Ewwel Qrara** tiegħi

______________________________



**Illum Ġesù ħafirli dnubieti kollha. Kemm jien ferħan/a! Grazzi Ġesù.**

**Kemm jiena xortija tajba li llum kelli l-Ewwel Qrara!**

Grazzi Ġesù ______________________________

________________________________________

________________________________________



*Kompli din it-talba*

L-Ewwel Qrara Tiegħi:

*Pinġi stampa tal-Ewwel Qrara tiegħek.*

*Ikteb jew pinġi, kif ħassejtek wara li għamilt l-Ewwel Qrara tiegħek.*

# Ikla Speċjali

Ġesù kien iħobb imur jiekol mal-ħbieb tiegħu u ma' oħrajn li jiltaqa' magħhom. Kien jiekol mal-ħbieb tiegħu Lazzru, Marija u Marta. Mar jiekol għand Żakkew. Darba minnhom meta ra li n-nies li marru jisimgħuh ma kellhomx x'jieklu, ra kif għamel biex kielu huma wkoll. U kellu ikla speċjali ħafna mal-ħbieb tiegħu, l-Appostli. Ġesù għażel il-ħobż u l-inbid bħala mod kif jibqa' magħna dejjem fl-Ewkaristija.



## Taf li l-kelma Ewkaristija tfisser ringrazzjament?

Dan minħabba li waqt il-quddiesa aħna nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li jagħtina.

*Għamel lista ta' dak kollu li trid tgħid 'Grazzi' lil Alla għalih*

**Grazzi Mulej...**

- [ ] ______________________
- [ ] ______________________
- [ ] ______________________
- [ ] ______________________
- [ ] ______________________
- [ ] ______________________
- [ ] ______________________
- [ ] ______________________

Anke lilek Ġesù jistiednek għall-Ikla Speċjali.

Fit-tqarbin Ġesù se jiġi għandek b'mod speċjali ħafna. Hu se jgħinek biex tħobb lil ħaddieħor kif iħobbok hu. X'rigal kbir se jagħtik Ġesù!

Aħna meta jkollna l-ġuħ nieklu l-ikel. Nieklu ikel tajjeb biex inkunu b'saħħitna. Qalbna wkoll trid l-ikel tagħha biex tkun ferħana, tħobb, ikollha l-paċenzja u tkun trid tgħin lill-oħrajn.

**L-IKEL LI HU TAJJEB GĦAL QALBNA HUWA T-TQARBIN.**

*Jien u Ġesù:*

*Pinġi stampa tiegħek ma' Ġesù.*

# Ngħix, bħall-ħabib tiegħi Ġesù



Ngħid sorry meta nagħmel xi ħaġa ħażina



Nitlob



Nagħmel ħbieb u nilgħab ma' xi ħadd li jkun waħdu

## Nagħmel bħal Ġesù meta …



Naqsam dak li għandi ma' oħrajn



Inġib ruġi sew fil-knisja

Ngħin



## Ġesù jkun ferħan meta aħna nagħmlu dak li jixtieq hu.

*Fl-istampi hawn fuq, hemm xi ideat ta' dak li tista' tagħmel.* ***Fil-qlub ikteb jew pinġi aktar eżempji.***



# Min hu Ġesù?

Issa li se tibda tmur quddies kull nhar ta' Ħadd, se ssir taf aktar min hu Ġesù. Fil-qari waqt il-quddiesa se tisma' aktar dwaru.

***X'taf s'issa dwar Ġesù? Kompli din il-lista:***

- [ ] *Ġesù huwa l-akbar ħabib tiegħi.*
- [ ] *Ġesù jħobbni ħafna.*
- [ ] ____________________
- [ ] ____________________
- [ ] ____________________
- [ ] ____________________




*Pinġi l-qalb biex turi li inti wkoll tħobb lil Ġesù.*

# Kif se tħejji għall-Ewwel Tqarbina tiegħek

**Titlob.** Tkellem ma' Ġesù kuljum. Għidlu dwar il-ġurnata tiegħek, dwar dak li tixtieq u għidlu grazzi li qiegħed miegħek.

Ftit ġranet qabel l-Ewwel Tqarbina erġa' mur **qerr.**

Qabel ma titqarben, ara li minn **siegħa qabel** ma tiekolx u lanqas tixrob ħlief ilma. B'hekk tkun qed tipprepara aktar lilek innifsek għal din il-laqgħa speċjali ma' Ġesù.

## Kif se nitqarben?

*Poġġi dawn fis-segwenza tajba.*

☐ 

Immur lura f'posti fis-skiet

☐ 

Nitkellem ma' Ġesù u ngħidlu li nħobbu

☐ 

Naħmel idi l-leminija taħt ix-xellugija biex nirċievi l-ostja

☐ 

Noħroġ minn posti

☐ 

Inpoġġi l-ostja f'ħalqi u niblagħha

☐ 

Nimxi wara l-oħrajn fis-skiet u nersaq biex nitqarben

☐ 

Nirċievi l-ostja

**It-talba li se ngħid lil Ġesù meta nirċevih għall-ewwel darba.**



*Pinġi stampa li se tfakkrek fl-Ewwel Tqarbina tiegħek. Tista' tpinġi xi ħaġa minn dawn: kalċi, ostja, knisja, qalb, ħaruf, għeneb, qamħ, salib.*

# Il-ġurnata tal-Ewwel Tqarbina

Data: ______________________________

Il-ġurnata kienet: ______________________________

______________________________

Kif ħassejtni:

☐ 
kuntent/a

☐ 
imħasseb/a

☐ 
imdejjaq/a

☐ 
eċitat/a

***Illum kellek l-Ewwel Tqarbina tiegħek. Ma kontx waħdek.***
*Ikteb l-ismijiet tal-ħbieb tiegħek, li kienu miegħek illum.*

______________ ______________

______________ ______________

______________ ______________

______________ ______________

______________ ______________

______________ ______________

***Staqsi lil tal-familja u lill-ħbieb tiegħek biex jiktbulek messaġġ sabiħ fil-ġurnata tal-Ewwel Tqarbina tiegħek.***

Pubblikazzjoni ta' **BeKids**

bekids@maltadiocese.org
**bekids.mt**

info.katekezi@maltadiocese.org
**katekezi.mt**



**_Din il-festa li ċċelebrajt illum tista' tmur għaliha kuljum, speċjalment kull nhar ta' Ħadd!!_**

Grazzi Ġesù, ta' din l-istedina u li inti tħobbni ħafna.
Jien inħobbok ħafna wkoll.

*Ikteb ismek*

Issa li kellek l-Ewwel Tqarbina tiegħek, ara li tibqa':
titlob, titqarben kull nhar ta' Ħadd, tqerr, titgħallem dwar Ġesù

Tista' wkoll:
issir abbati, tkun parti mill-kor tal-knisja.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

knisja.mt